# Margerita

### Kitba ta' Peter A. Caruana

Meta Marija kienet toħroġ barra bit-tarbija, kienet iddawwar xall li jgħatti tista' tgħid, il-wiċċ kollu tat-tifel. Min kien jaħsel jitfa' ħarstu lejh, malajr kien ilissen: "Qisu Bambin".

U tabilħaqq hekk kien, jixbah il-ħafna tpinġijiet ta' Ġesù Bambi. Xagħar isfar mdawwar f'nokkli żgħar; għajnejn żoroq; wiċċ kemm xejn bajdani u dejjem imbissem, bħal kieku, kif jgħidu, qed jara l-anġli. Marija kienet mara twajba, b'fehmiet marbuta ma' niesha ta' qabilha. Kienet tibża turi wiċċ it-tarbija minħabba li xi ħadd, kienet taħseb, seta' jagħmillu xi magħmul.

Meta t-tifel tfarfar u wara l-mixi ħafif beda l-ġiri tiegħu, Marija ħasbet li jkollha t-tieni wild. Żewġha Frans, kien jaqa' u jqum u fis-snin miżżewġa tiegħu ma' Marija, ma jiftakarx li xi darba mar kontra xewqitha. Frans kien wild Ħal Tarxien u kien lest li jmidd idejh f'kollox meħtieġ għal Raħal twelidu.

Sa minn qabel is-sena 1939, flimkien ma' oħrajn li għalihom Ħal Tarxien dejjem kien l-ewwel f'kollox, Frans kien meħdi biex f'raħlu tiġi l-qanpiena mir-raħal ta' Sannat, f'Għawdex. Iżda din ma kinitx ħaġa faċli. Għalkemm kien hemm il-qbil bejn iż-żewġ irħula li l-qanpiena tinbiegħ lil Ħal Tarxien, l-Isqof t'Għawdex ma riedx li dik il-qanpiena tittieħed minn Ħal Tarxien, imma aktar xtaq u ried li tmur fil-Knisja tal-Kalkara.

Fl-1937, Marija wildet tarbija oħra, tifel li kien fula maqsuma ma ħuh. Iżda għalkemm it-twelid ta' kull tarbija dejjem ikun ta' ferħ u għoġba għall-familja, Marija, aktar xtaqet li twilled tifla. Sa minn qaddisha kienet tħobb il-bniet u għalhekk, meta l-ewwel tagħha ġie tifel, aktar kienet ħerqana li tat-tieni tkun tifla. Iżda bit-tieni kienet ferħana wkoll u qatt ma nstemgħet minn fommha xi kelma ta' nuqqas. Iżda t-tama ta' Marija baqgħet dejjem tisboq il-ħsibijiet l-oħra li kienu jberrnulha f'moħħha.



Is-sena 1938 tista' tgħid li kienet is-sena l-aktar ta' nkwiet għal dawk li xtaqu l-qanpiena l-Għawdxija tasal f'raħalhom. Kienu ilhom sa mill-1933 li sar il-ftehim bejnhom u ta' Sannat biex waħda mill-qniepen, li leħinha kien jaqbel mal-melodija tal-qniepen l-oħra, tittieħed lejn Ħal Tarxien. Ir-raħal t'Għawdex kien xtara sett qniepen ġodda għall-Parroċċa. Il-ftehim kien sar u l-mitt lira għax-xiri tal-qanpiena kienu tħallsu.

F'din is-sena l-inkwiet kien fl-aqwa tiegħu. It-Tarxiniżi wrew l-għadab tagħhom billi ma ħallewx li jsiru festi f'dik is-sena. Biex l-inkwiet aktar joktor, l-ebda tokk ta' qanpiena ma nstema' fil-purċissjoni ta' San Girgor fis-sena 1939. Minn fuq il-bejt tal-Każin tal-Banda Marija Annunzjata ddendlet qanpiena tal-karti għal nofs it-triq u din ingħatat in-nar fl-eqqel tal-purċissjoni. Il-kobba kienet tidher imħabbla sew u forsi l-biċċa kienet aktar tiħrax kieku fil-qalba ta' kollox ma kienx hemm Dun Mikiel Vella, wild ir-raħal, qassis li ta ħajtu għall-Parroċċa ta' Ħal Tarxien.

Marija kienet fit-tieni xahar tat-tielet tqala tagħha. Kienet beżgħana minħabba li kienet taf li żewġha kien wieħed minn ta' quddiem fil-każ tal-qanpiena. Xtaqet li tberrdu u ġġagħlu jifhem li dak l-inkwiet ma kellux xi jridu. Iżda t-twajba Marija ma lissnet xejn lil żewġha Frans. Baqgħet issorr kollox fiha. It-toqol ta' dan in-niket kien qed jitħallat mat-toqol tat-tarbija. Ta' ruħ twajba li kienet, għommitha kienet tferragħha fil-Knisja, quddiem ix-xbieha ta' Marija Annunzjata.

Kien l-aħħar Ħadd ta' Marzu 1939, meta waqt il-Quddiesa ta' l-erbgħa ta' filgħodu. Marija kienet bil-qiegħda fuq wieħed mis-siġġijiet tal-ħaxixa tisma' l-quddies. Postha fin-naħa ta' wara tal-Knisja, sewwa sew quddiem in-niċċa tal-Lunzjata. Marija kienet b'dewha ddawwar il-kuruna tar-rużarju f'idejha. Kienet tgħallmet il-ftit talb li jingħad bil-Malti waqt il-quddiesa, iżda l-ilsien Latin għaliha kien qisu dak Ċiniż.

"Marija".

Waqfet widnejha sew biex tisma' l-qassis x'kien ser iqassat waqt il-priedka ta' l-evanġelju.

"Imma dan lili qed isejjaħ?" staqsiet bejnha u bejn ruħha.

Kienet ser tqum biex tmur tara l-qassis x'kellu bżonn, iżda r-rogħda li ħakmitha f'riġlejha sammritha fejn kienet.

"Il-qanpiena l-Għawdxija ser tkun għandna ma ddumx."

Marija baqgħet issummata tisma'.

"Int ser twilled tifla u jeħtieġ li ssemmiha Margerita, l-isem li għandha l-qanpiena!"

Ma baqgħetx tisma' aktar x'kien qed jippriedka l-qassis. Widnejha ntebqu. Meta spiċċat il-quddiesa, Marija bħal donnha ġiet f'sensiha. Ftakret fil-kliem li semgħet iqassat il-qassis. Sthat min dawk il-ftit nies li kien hemm fil-knisja. Baqgħet bil-qiegħda sakemm kulħadd ħareġ. Qamet minn fuq is-siġġu, deffset seba' fil-fonti ta' l-ilma mbierek. Ċappset moħħha, fommha u sidirha. Raddet is-salib. Ħarġet mill-Knisja u rħitilha lejn id-dar.



*Ritratt ta' dawk li ħabirku kemm felħu biex il-qanpiena l-Għadxija tiġi f'pajjiżna.*
*Fuq il-luzzu, hekk kif il-qanpiena tgħabbiet fl-Imġarr Għawdex, lesta biex tinġieb f'Ħal Tarxien*

"Imma dak il-qassis kif jaf li ser inkun omm?" staqsiet lilha nfisha Marija. "Fuq kollox, il-leħen li smajt ikellimni, ma kienx tal-Kappillan li qaddes il-quddiesa."

Marija ħasset rasha trid tinqasam b'dawn il-ħsibijiet. Ħaffet il-pass biex tasal bilġri d-dar. Frans kien għadu rieqed bħaż-żewġ anġli ta' tfal li kellhom. Marija ma felħitx iżjed iżżomm ħsibijietha. Qajmet lil żewġha u bilġri tarfitlu kollox.

"Int ħemm moħħok," wieġeb żewġha. "Ma tarax is-siegħa u l-ħin li tħaddan miegħek tifla!"

Iżda Frans waqaf f'daqqa. Fejn kienet taf x'kien jismha l-qanpiena li kienet għadha fil-Gżira t'Għawdex? Kif jista' jkun li l-qassis kien ser isemmi lilha waqt il-priedka tal-evanġelju? U aktar u aktar ma setax iniżżilha kif il-Kappillan sejjaħ il-qanpiena Margerita! L-anqas hu u sħabu ma kienu jafu x'kien l-isem tal-qanpiena!

Fit-23 t'April, 1939, il-ferħ f'Ħal Tarxien kien kbir meta mad-daqq tal-banda bdiet tittella' l-qanpiena "Margerita" li nġiebet minn Għawdex. L-isem tal-qanpiena tbiddel mill-poplu ta' Ħal Tarxien u sar dak ta' San Mikiel, bħala turija ta' ġieħ lejn Dun Mikiel Vella li kien hu l-moħħ tal-kisba u l-wasla tal-qanpiena minn Għawdex.

Frans kien ferħan mhux biss għaliex f'Ħal Tarxien inqatgħet ix-xewqa ta' ħafna, imma wkoll għaliex jista' jkun li dak li semgħet martu kien minnu. L-ewwel biċċa mill-ġrajja seħħet. It-tama li tieni ma tonqosx.

Fix-xahar t'Ottubru ta' l-1939, fid-dar ta' Frans u Marija, mat-tokki tal-qanpiena l-Għawdxija, bdiet tinstema' l-bikja ħelwa tat-tarbija Margerita.

*Dan l-episodju mill-ġrajja ta' Raħal twelidna, smajtu jingħad bosta drabi minn fomm missieri li, flimkien ma' oħrajn, ħabrek mhux ftit biex il-qanpiena l-Għawdxija ssib postha fuq il-kampnar tal-Knisja tagħna.*

Peter A. Caruana


